**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar is-Sibt 28 ta' Awwissu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Glorianne (Gloria Anna) Cutajar**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Glorianne (Gloria Anna) Cutajar,** ta' 53 sena, bint Carmel Magri u Philippa nee' Gauci, imwielda Mtarfa, fis-26 ta' Gunju, 1968, residenti 25, Rexdale, Fl 2, Triq Mikielang Sapiano, Luqa u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0274868M

1. Akkuzata talli nhar is-26 ta` Awwissu, 2021, gewwa Hal-Qormi**,** ikkomettiet serq ta` flus kontanti, liema serq huwa aggravat, bil-valur liema valur jeccedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, ghad-detriment ta' Emanuel Zammit u/ jew persuni ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqgħet għandha ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħlet biex tbigħhom jew tmexxijhom.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saret recidiva ai terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha hija ta' disa' (9) snin prigunerija. Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed sabiex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u wiegbet fl-affermattiv, u mistoqsija mill-Qorti xi twiegeb fuq l-ammissjoni taghha, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

**5.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni taghha stess, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

**7.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li giet registrata ammissjoni bikrija, u b'hekk l-imputata ma hlitx il-hin u rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

**8.** L-Ufficjal Prosekutur qal ukoll li ghalkemm waqt l-investigazzjoni l-imputata ma ikkoperatx mal-Pulizija b'mod assolut, l-koperazzjoni taghha kienet ta' certa portata. In oltre, waqt is-seduta, l-imputata hallset lill-avukat difensur tal-parte civile l-ammont ta' elfejn Euro fi flus kontanti akkont tal-ammont minnha misruq.

**9.** Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-fedina penali taghha hija kwazi netta – b'kundanna wahda fl-2017 ghal ingurja u malafama.

**10.** In oltre, ghall-fini ta' piena, t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

**11.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma hix tal-opinjoni li ghandha izzid l-piena bi grad, ghaliex l-imputata hija recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

**12.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, thallas is-somma ta' sitt elef disa' mija u disghin Euro (€6990.00) lill-parti offiza Emanuel Zammit fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti l-bilanc minnha misruq.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos

milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li thallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali, skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**